**FEHIM MIS-SMIGĦ 5**

Issa l-ġranet sħan tas-Sajf kienu bdew sew. Is-sena skolastika spiċċat u rriżultati tal-eżamijiet kienu għadhom ma waslux. Għal xi l-ħdax ta' filgħodu, lil Mark u lil Claire kont issibhom wara l-bieb ta' barra jistennew lill-pustier ġej bir-riżultat tal-eżamijiet. Dan kienu jagħmluh ta' kuljum. Meta jiġi l-pustier u ma jġibx ittri għalihom kienu jidħlu d-dar diżappuntati. Issa li kienu bil-vaganzi, Claire kienet tgħin lil ommha. Ta' kull filgħodu hija kienet tifrex is-sodda tagħha u tiżbarazza l-kamra tagħha. Imbagħad kienet tinżel isfel ħdejn ommha u tgħinha taħsel il-kikkri u l-platti tal-kolazzjon. Wara kienet tfarfar il-kamra tas-sodda t'ommha u missierha. Xi drabi kienet tgħin lil ommha ssajjar. Mark ukoll kien igħin lil ommu mill-aħjar li jista'. Hu kien jiżbarazza l-kamra tiegħu. Imbagħad kien imur ħdejn ommu u jaħsel il-kikkri u dak kollu li jkun inqala' għall-kolazzjon. Wara kien imur fil-ġnien u jaqla' xi ħaxix selvaġġ li jkun kiber mal-ħwawar. Ħafna drabi kien imur jixtri mill-ħanut ta' ħdejhom u għal xi l-ħdax kien jiltaqa' ma' kuġintu Claire. Mela darba kienu qegħdin fil-ġnien jaħsbu kif se jqattgħu l-kumplament ta' waranofsinhar. F'daqqa waħda Claire rat serbut nemel. "Ara kemm hemm nemel!" qalet Claire."Dawk ma jagħmlulek xejn," weġibha Mark. "Naf, imma xorta waħda jdejquni," kompliet tgħidlu Claire, hi u tersaq in-naħa l-oħra. Mark mar bilqiegħda ħdejha. "Naħseb li kien hemm aktar minn mija," ħasbet Claire bejnha u bejn ruħha.

Eżami ta’ Nofs il-Ħames Sena tal-Primarja

Il-Malti 2018

L-Eżami tal-Fehem mis-Smigħ
Qari u Kitba

Isem u Kunjom ___________________________________

L-Iskola_________________________________________

---

Għall-użu tal-għalliema:

| Il-marki | | |
|---|---|---|
| Il-Qari | 25 | |
| Il-Kitba | 30 | |
| Is-Smigħ | 10 | |
| Grammatika f’Kuntest | 15 | |
| It-Taħdit | 20 | |
| Total | 100 | |

**Eżami tas-Smigħ**

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.** (10 marki)

1. Din l-istorja seħħet

   a. fil-ħdax.

   b. filgħodu.

   ċ. fis-Sajf.

   d. wara l-kolazzjon.

2. Kull filgħodu Mark u Claire kienu jistennew

   a. lin-nannu.

   b. lill-pustier.

   ċ. il-vann tal-iskola.

   d. lil ommhom.

3. It-tfal kienu d-dar kull filgħodu għax

   a. kienu morda.

   b. kellhom il-vaganzi.

   ċ. l-iskola tibda tard.

   d. il-vann tal-iskola ma ġiex.

4. Kull filgħodu Claire kienet

   a. tgħin fix-xogħol tad-dar.

   b. tmur tixtri.

ċ. torqod.

d. tmur tilgħab.

5. Mark kien imur fil-ġnien biex

a. jaħsel il-kikkri.

b. jaqta’ l-ħwawar.

ċ. jiltaqa’ ma’ Claire.

d. jaqla’ l-ħaxix selvaġġ.

6. Mark u Claire kienu jiltaqgħu

a. wara l-ikel.

b. għal xi l-ħdax.

ċ. fil-ħanut ta’ ħdejhom.

d. filgħaxija

7. Meta rat in-nemel, Claire

a. baqgħet fejn kienet.

b. bdiet taqbeż.

ċ. resqet naħa oħra.

d. bdiet twerżaq.

8. Mark

a. beda jidħak b’Claire.

b. mar bilqiegħda ħdejha.

ċ. keċċa n-nemel.

d. sejjaħ għall-għajjut.

**Agħmel sing taħt it-tifsira t-tajba ta' dawn l-espressjonijiet**

9. "Bejnha u bejn ruħha" tfisser

a. titkellem mar-ruħ tagħha.

b. tirraġuna waħedha.

ċ. titkellem ma' xi ħadd ieħor.

d. kienet qed titlob.

10. "F'daqqa waħda Claire rat serbut nemel." tfisser li rat

a. ftit nemel.

b. nemel kbir.

ċ. ħafna nemel.

d. nemel abjad.

L-Ewwel Taqsima

TAĦRIĠ IL-FEHEM

Kien is-Sibt waranofsinnhar meta l-familja kollha kienet miġbura għat-te'. In-nannu Ċens biss ma kienx hemm. Kien qiegħed il-Belt ma' xi żewġt iħbieb tiegħu. U ħabat tajjeb li dak il-ħin in-nannu ma kienx id-dar, għax il-familja kollha kienet qed tħejji xi ħaġa li ma kinitx għal widnejh.

Sewwa sew is-Sibt ta' wara, in-nannu Ċens kien se jagħlaq ħamsa u sittin sena. Is-soltu kienu jibagħtulu l-kartolini u jixtrulu r-rigali, imma dis-sena xi ħadd issuġġerixxa li jagħmlu "party" jew festin. Għall-ewwel, il-biċċa ħaduha biċ-ċajt, iżda wara kollox, in-nannu Ċens tassew kien jixraqlu "party". Hu dejjem kien jieħu ħsieb jixtrilhom rigali sbieħ f'għeluq sninhom. Saħansitra lill-mamà u lill-papà kien jixtri rigal meta tasal tagħhom.

"U nagħtuhielu b'sorpriża," qabżet tgħid Irene, "taparsi nsejna li hu l-birthday tiegħu."

"U lanqas kartolina ma nibagħtulu," żied Tony bi tbissima kbira.

"Iva, iva," qabżet Marisa, "imbagħad filgħaxija nagħmlulu "party" kbir għal għarrieda."

"Mela jaqbel li nistiednu liz-ziju Loius u liz-zija Mary." kompla jgħid il-papà.

"U ngħidu lis-Sur Tonin u lil Konsu," qalet il-mamà, "dawk ħbieb tiegħu tassew."

(minn Ġrajjiet in-Nannu Ċens ta' Trevor Zahra)

**Wieġeb**

Agħti titlu lil din is-silta (marka)

___________________________________________________

A. **Agħżel it-tajba** (2 marki)

1. Il-familja kollha ltaqgħet (filgħodu, filgħaxija, waranofsinhar).

2. In-nannu Ċens kien se jagħlaq (65, 56) sena.

B. **Veru (V) jew Falz (F)** (3 marki)

1. Il-familja kollha kienet qed tieħu tazza kafé. __________

2. Kien għad baqa' ġimgħa għal għeluq snin in-nannu Ċens. __________

3. In-nannu Ċens kien jibagħtilhom kartolina f'għeluq sninhom. __________

Ċ. **Wieġeb dawn il-mistoqsijiet** (19-il marka)

1. Għalfejn il-familja setgħet titkellem mingħajr ma jismagħhom in-nannu Ċens?

(2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

2. X'kienu jagħmlu s-soltu l-familja tan-nannu Ċens meta jasal għeluq sninu?

(2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

3. X'kienet qed tħejji l-familja tan-nannu Ċens għal għeluq sninu? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

4. Għalfejn il-familja ddeċidiet li n-nannu kien tassew jistħoqqlu li jagħmlulu festin? (2 marki)

______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

5. Wieħed bħan-nannu Ċens li jiftakar f'kulħadd ngħidu li għandu ___________tajba.

(marka)

6. X'issuġġeriet Irene dwar il-festin? (2 marki)

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

7. Min kienu l-erba' persuni li kienu ser jistiednu? (2 marki)

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

8. Għid xi jfissru dawn (3 marki)

Tħejji ___________________________________

Ma kinitx għal widnejh ___________________________________

Għal għarrieda ___________________________________

9. Mis-silta li għadek kemm qrajt sib (8 marki)

Nom komuni __________

Nom proprju __________

Plural sħiħ __________

Verb fil-Passat __________

Verb fil-Preżent _____________

Aġġettiv ______________

Partiċella ________________

Verb bil-pronom mehmuż_____________

**Grammatika f'kuntest**

A. Imla l-vojt bl-Artiklu: (5 marki)

Fl-iskola, l-għalliema kienet qalet lit-tfal biex ___ dar jibnu karru żgħir tal-karnival billi jużaw xi kaxxi, kartun u karti kkuluriti. Oħt Xummiemu kienet diġa' ddeċidiet li kienet ser tpoġġi ___ pupa tagħha fuq ___ karozza ___ kbira ta' Xummiemu. Għamlitilha wkoll kuruna tal-kartun u pinġiet ħafna djamanti fuqha. Malajr lestietu ___ karru tal-prinċipessa. Dan kellhom jeħduh ___ skola ġimgħa qabel ___ festa tal-karnival. ___ tfal tal-klassi kollha għamlu karrijiet sbieħ. ___ surmast ħa pjaċir meta ra dawk ___ karrijiet kollha u poġġihom fis-sala biex jagħmel wirja għar-raħal kollu.

B. Ikteb kelma waħda flok il-kliem fil-parentesi (5marki)

1. Maria weġġgħet ____________________ (l-id tagħha) meta waqgħet.
2. Mario qata' ________________________ (ix-xewqa tiegħu) fil-Milied.
3. Nhar it-Tnejn sejra ______________________ (mal-omm tiegħi) għand-dentist.
4. Meta toħorġu ħudu ħsieb ________________________ (il-ħwejjeġ tagħkom).
5. Ivan mar ma' _________________________ (in-nannu tiegħu) il-belt.

**L-Eżami tal-Kitba** 10 marki

Ikteb paragrafu deskrittiv ta' madwar 40 kelma dwar l-akbar ħabib jew ħabiba tiegħek.

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

**Kitba Itwal** 20 marka

**Kompli din l-istorja...**

**Ikteb madwar 100 kelma**

Kont id-dar waħdi għax ommi marret għand in-nanna. Smajt kelb jinbaħ wara l-bieb tad-dar....

**X'għamilt? X'ħassejt? Rajt xi ħaġa stramba fil-kelb? X'kienet?**

**Uża dan l-ispazju biex tagħmel pjan.**

Ikteb storja billi tibda hekk:

Kont id-dar waħdi għax ommi marret għand in-nanna. Smajt kelb jinbaħ wara l-bieb tad-dar

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________